**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 255/2017 CFF**

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru ezekuttiv numru 1541/17 mahrug fis-16 t'Awwissu, 2017 fl-ismijiet**

**Jeremy James Camilleri**
**Vs**
**Carmelo sive Charles Bianco**
**Western Company Limited**

**Illum 20 ta' Marzu, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti Carmelo sive Charles Bianco u Western Company Limited fejn esponew:

Illi l-esponent gie notifikat b'mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet inversi liema mandat ghandu n-numru 1541/17 mahrug fis-16 t'Awwissu, 2017.

Illi l-mandat sar ghas-somma ta' €2,766.53 bhala sorte, €2368.93 bhala spejjez, u €205.25 bhala VAT fuq drittijiet professjonali. Kopja tal-mandat de quo qed jigi esebit bhala Dok A.

Illi pero' minn harsa lejn is-sentenza li tat lok ghal dan il-mandat ossia dik fl-ismijiet invers moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deciza fit-30 ta' Gunju, 2017 (Rik. Nru. 164/05), jirrizulta illi l-imghax la ntalab fl-att promotur u lanqas gie akkordat fis-sentenza. Kopja tas-sentenza qed tigi esebita bhala Dok B u t-taxxa Dok C.

Illi ghalhekk dak attwalment dovut huwa ta' €5340.71.

Illi kontestwalment l-esponent qieghed jiddepozita din is-somma ta' €5340.71 il-Qorti, apparti l-ispejjez tal-mandat.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar ghal kollox il-mandat fl-ismijiet premessi u dan a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat **ir-risposta** ta' Jeremy James Camilleri li espona:

1. Illi l-esponent jopponi ruhu ghat-talba tar-rikorrenti, li f'dawn il-proceduri huwa s-sekwestrati, biex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar ghal kollox il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv fl-ismijiet premessi a tenur ta' l-artikolu 281 tal-Kap. 12, u dan stante li din it-talba tista' tikkaguna pregudizzju lill-esponent;

2. Illi fil-fatt jirrizulta li r-rikorrenti sekwestrati ghandhom diversi mandate ta' sekwestru ohra kontrihom, inkluz:

    (i) Il-mandat ta' sekwestru bin-numru 55/2003 fl-ismijiet Paul Chetcuti u Silvio Brincat vs Charles Bianco (ID 44368M) u Western Company Limited;

    (ii) Il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1235/2015 fl-ismijiet Gaetano Abdilla (ID 255M) u martu Mary Abdilla (ID 1057M) vs Charles Bianco (ID 44368M) u Western Company Limited (C 19994) mahrug fil-31 ta' Lulju, 2015, ghall-ammont ta' EUR 116,871.62 bhala sorte (ara Dok JJC1) kif ukoll

(iii) Il-mandat ta' sekwestru bin-numru 1497/2008, fl-ismijiet il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud vs Carmelo Bianco (KI Nru 44368M) f'ismu personali kif ukoll bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Western Company Ltd (C 19994) mahrug fid-29 ta' Settembru, 2008;

U ghalhekkk, galadarba jidher li s-sekwestrati ghandhom dawn il-pretensjonijiet kollha kontrihom (tant li meta l-APS Bank Limited ddepozita l-flus il-Qorti wara l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv mitlub mill-esponent, din ghamlet id-depozitu anki fl-atti tal-mandati ta' sekwestru surreferiti – ara Dok JJC2), liema pretensjonijiet huma ferm ikbar mill-kreditu dovut lill-esponent (li llum huwa res judicata) anki li kieku verament sar id-depozitu kontra l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv li talab il-hrug tieghu l-esponent, l-esponent m'ghandu l-ebda garanzija li se jirnexxielu jizbanka l-flus, u ghalhekk sakemm l-esponent jithallas u/jew ikun f'posizzjoni li jkun jista' jizbanka l-ammont dovut lilu, l-esponent xorta jibqalu l-bzonn li jikkawtela d-drittijiet tieghu u ghalhekk is-sekwestru ezekuttiv bin-numru 1541/17 ghandu jibqa' fis-sehh;

3. Illi ghalhekk qabel mal-flus li r-rikorrenti qed jghidu li ddepozitaw il-Qorti jigu effettivament zbankati mill-esponent, il-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1547/17 ghandu jibqa' fis-sehh fit-totalita' tieghu ghaliex is-sekwestrati ghadhom ma ssodisfawx id-debitu taghhom skont il-ligi fil-konfront tal-esponent skond is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Inferjuri) fit-30 ta' Gunju 2017 fl-ismijiet "Jeremy James Camilleri vs Carmelo sive Charles Bianco f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Western Company Limited" (Appell Numru 164/2005);

4. Illi inoltre, ta' min jigi rilevat illi xorta wahda l-esponent m'huwiex f'posizzjoni li jizbanka l-flus allegatament ddepozitati mir-rikorrenti sekwestrati peress illi l-istess rikorrenti, wara li ghaddew xejn inqas minn 14-il sena mill-bejgh tal-vettura in kwistjoni (li nbieghet fis-6 t'Awwissu, 2003), u wara li r-rikorrenti tilfu l-proceduri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati u anke quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, kappriccjozament pprezentaw procedure kontra l-esponent flimkien ma mandat ta' sekwestru kawtelatorju (bin-numru 1670/17) ghall-hlas

tal-prezz tal-vettura in kwistjoni – talba lib la ebda dubju, anke fuq bazi prima facie, hija preskritta bil-ligi apparti li hija frivola u vessatorja, f'liema mandat ta' sekwestru r-registratur tal-Qrati Civili u Tribunali gie ndikat bhala sekwestratarju;

5. Illi ghalhekk, b'dan il-mod kappriccjuz u frivolu u vessatorju, ir-rikorrenti ghamlu mezz li sakemm jinqatghu l-proceduri intavolati minnhom, l-esponenti m'hu ser jirnexxielu qatt jizbanka l-flus depozitati mill-istess rikorrenti u dovuti lill-esponenti skont is-sentenza definittiva u res judicata fuq imsemmija tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Hija sorprendenti mhux ftit kif f'dawn l-14-il sena shah, ir-rikorrenti ma hassewx il-bzonn li jippruvaw jirkupraw il-prezz tal-vettura mibjugha minnhom.

6. Illi apparti dan kollu, l-ammont ta' imghax indikat fl-imsemmi mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1541/17 huwa dovut skont il-ligi, u dan skont l-Artikolu 1141(2) tal-Kodici Civili (Kap. 16) li tipprovdi li l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju, u ghalhekk l-ammont ta' imghax gie kkalkulat mit-28 ta' Marzu, 2005 meta gew intavolati l-proceduri gudizzjarji. Dan l-imghax huwa dovut bil-ligi anke jekk is-sentenza surreferita tal-Onorabbli Qorti tal-Appell ma tistipulax specifikatament li l-imghax huwa kompriz.

7. Illi ghalhekk, galadarba r-rikorrenti ma ddepozitawx l-ammont ekwivalenti ghall-imghax issekwestrat fil-fuq imsemmi mandate ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1541/17, hemm bzonn li l-istess mandat ta' sekwestru jibqa' fis-sehh;

8. Illi fl-ahhar nett, u minghajr l-ebda pregudizzju ghas-suespost, in principju l-esponent ma jopponix ruhu ghall-hrug ta' kontro-mandat opportune, ghall-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1541/17, izda dan biss wara li l-flus li allegatament ddepozitati mir-rikorrenti, flimkien mal-imghax dovut lill-esponenti, jigu effettivament zbankati mill-esponenti jew imhallsin lill-esponent mir-rikorrenti jew min minnhom, u b'hekk ikun hemm hlas effettiv lill-esponent u mhux semplici depozitu.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikors tar-rikorrenti sar wara li gie intavolat mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1541/2017 fl-ammont ta' tmint elef u disgha u sebghin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€8079.57), dan l-ammont jinkludi l-imghax ta' elfejn seba' mija u tmienja u tletin ewro u sitta u tmenin centezmu (€2738.86). Dan gie intavolat wara sentenza deciza mill-Qorti ta' l-Appell datata 30 ta' Gunju 2017[1], li kkonfermat l-ewwel sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li kienet iddecidiet billi, ikkundannat lill-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' elfejn seba' mija sitta u sittin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€2766.53) rapprezentanti s-somma ta' elf mija u sebgha u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1187.67) lill-attur u l-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-konvenuti. F'din is-sentenza l-Qorti ma semmietx li dan il-kreditu huwa dovut bl-imghax.

L-intimat jiccita l-Artikolu 1141 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jghid hekk,
*"(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure , l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in- nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
*(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għal kemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall esekuzzjoni tal- obbligazzjoni."*

Rigward dan l-intimat jghid li sejha ghall-hlas saret u ghalhekk awtomatikament kellhom jibdew jidekorru l-imghaxijiet.

---

[1] Appell numru 164/2005, Jeremy James Camilleri vs Carmelo sive Charles Bianco f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Western Company Limited.

Il-Qorti sejra ticcita digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datat 5 ta' Lulju 2010, numru 212/2010, fl-ismijiet, *Schembri and Sons Limited vs Brian Zammit* meta l-Qorti qalet hekk,

*"Ir-rikorrenti jikkontendi li l-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 860/09 ghandu jithassar in parte fir-rigward tal-kap ta' l-imghaxijiet ghaliex is-socjetà intimata ma gietx kanonizzata kreditrici tieghu ghall-imghax ghall-perijodu bejn it-2 ta' Jannar 2004 u t-12 ta' Dicembru 2008 ghaliex fl-ittra ufficjali mahruga kontra tieghu a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma indikatx id-data minn meta kellu jibda jiddekorri tali imghax. Skond ir-rikorrenti l-imghax dekoribbli fil-konfront tieghu ghandu jkun konteggjat mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficjali imsemmija – ossia mit-12 ta' Dicembru 2008 – sad-data ta' l-effettiv pagament u huwa biss tali imghax li ghandu jkun kolpit bl-effetti tal-Mandat ta' Sekwestru imsemmi u mhux l-imghax kif invece mitlub mis-socjetà intimata.*

*Ma hemm ebda dubju li l-kontestazzjoni tar-rikorrenti hija marbuta mal-mertu innfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Di fatti fil-fehma tal-Qorti ghad-determinazzjoni ta' din il-kontestazzjoni jrid isir ezami ta' dak provdut fl-Artikolu 1141 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta dwar minn meta jibda jiddekorri l-imghax fuq obbligazzjoni u kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet Vincent Brincat v. Anna Caruana, Appell Civili Nru. 832/01 deciza fit-3 ta' Gunju 2004, huwa evidenti minn din id-disposizzjoni illi l-obbligazzjoni ta' l-interessi hija accessorja in kwantu l-istess norma ma tippresupponix indagini awtonoma mill-kreditu nnifsu.*

*Il-fatt li s-socjetà intimata filwaqt li interpellat lir-rikorrenti ghall-hlas ta' l-imghax izda naqset milli tindika d-data minn meta dan kellu jibda jiddekorri, ma jbiddel xejn mill-indagini li trid issir u dana in vista tal-principju guridiku li anke meta fl-att li bih jigu istitwiti proceduri ghall-hlas ta' kreditu ma ssirx talba sabiex fuq il-kapital jiddekorri l-imghax il-Qorti xorta wahda tista' tikkundanna lid-debitur ihallas il-kapital bl-imghax u d-data minn meta jibda jiddekorri jiddependi fuq in-natura ta' l-obbligazzjoni jekk hijiex wahda ta' natura civili jew wahda ta' natura kummercjali . Fil-fehma tal-Qorti* ***ladarba dan il-principju japplika ghall-kaz fejn ma ssir ebda talba ghall-hlas ta' l-imghax***[2] *ghandu certament japplika anke fil-kaz fejn l-imghax jintalab izda ma tigix indikata data*

---

[2] Emfazi ta' din il-Qorti

*preciza minn meta ghandu jibda jigi konteggjat. In oltre l-Qorti thoss li l-fatt li fil-kaz in ezami l-procedura adottata biex gie ottenut titolu ezekuttiv mis-socjetà intimata kontra r-rikorrenti kienet dik stipulata fl-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ma jbiddel assolutament xejn.*

*Ladarba ghalhekk il-kontestazzjoni tar-rikorrenti hija marbuta mal-mertu innfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg, kienet korretta s-socjetà intimata f'li topponi ghat-talba tar-rikorrenti ghaliex il-kontestazzjoni minnu avvanzata ma tistax tigi indirizzata u deciza minn din il-Qorti permezz ta' proceduri a tenur ta' l-Artikolu 281 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u taqbel ukoll ma' dak li qal ir-rikorrenti fit-trattazzjoni tieghu u cioe' li ghalkemm l-artikolu 1141 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car, u jghid li l-imghax jibda jidekkorri minn meta ssir talba ghall-hlas, dan ghandu jigi deciz u kanonizzat mill-Qorti kompetenti wara li taghmel ezercizzju hi u tisma' l-mertu tal-kawza, jekk l-imghax hux dovut *o meno*. F'dan il-kaz l-imghax ma giex deciz[3], ma kienx hemm talba ghalih, ghalhekk il-Qorti ma ghamlitx ezercizzju dwar jekk hux dovut jew le. Ma jispettax lil din il-Qorti li taghmel dan l-ezercizzju, ladarba l-intimat ma giex ikkanonizzat favur tieghu l-imghax, allura, l-ligi ma tippermettix lil din il-Qorti li tiddeciedi dwaru.

Illi l-argument li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru b'mod awtomatiku ladarba jkun hemm sejha ghal hlas jregi galadarba l-ligi tghidha espressament bhalma taghmel rigward l-ispejjez fl-Artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi fis-sens tal-konsiderazzjonijiet kollha premessi fid-decizjoni tal-lum, il-Qorti qeghda:**

---

[3] Ara l-kawza deciza 30 ta' Gunju 2017 numru 164/2005

1. **Tilqa' t-talba tar-rikorrenti b'mod parzjali fis-sens li tiddikjara li l-ammont li hu dovut lill-intimat Jeremy James Camilleri huwa ta' hamest elef tlett mija u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€5340.71);**

2. **Thassar il-mandat ta' sekwestru in parte u cioe' fir-rigward is-somma ta' elfejn seba' mija u tmienja u tletin Ewro u sitta u tmenin centezmu (€2738.86).**

**Ghall-kumplament il-mandat ezekuttiv ghandu jibqa' fis-sehh.**

**Ghar-rigward ta' l-ispejjez ta' din il-procedura l-Qorti tordna li din il-procedura tibqa' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**